MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 593/1999/1

***Is-socjeta' Galdes Mamo Insurance Agency Ltd. in rappresentanza tas-socjeta' estera CGU Insurance plc li permezz ta' nota tas-7 ta' Dicembru 1999 assumiet l-atti minflok Hugh P. Zammit ghan-nom u in rappresentanza tal-kumpanija Galdes & Mamo Limited u din in rappresentanza tal-kumpanija assikuratrici estera Royal International Insurance Holdings Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Louis Pace sia bil-polza u sija bil-ligi; u l-istess Louis Pace***

***vs***
***Theresa Grima***

Illum 30 ta' Mejju 2003

Il-Qorti,

B' att tac-citazzjoni, l-atturi wara li **ppremettew**:

1. illi fis-17 ta’ Settembru 1997 gewwa St.Thomas Street, Luqa, waqt li l-konvenuta kienet qed isuq il-karrozza numru TER-025 hija habtet mal-karozza numru DAD 181 misjuqa minn Venerando Paolo Garozzo u propjeta’ ta’ l-assikurat tal-attur nomine u assikurata taht polza “comprehensive’ mal-attur nomine;
2. illi dan l-incident gara b’tort unikament tal-konvenuta minhabba traskuragini, imperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenuta kif jgi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
3. illi in vista tal-imsemmija polza l-attur nomine ghamel tajjeb ghad-danni kagunati mill-konvenuta fil-karozza assikurata mieghu;
4. illi d-danni kollha sofferti mill-attur nomine b’konsegwenza tal-incident fuq imsemmi jammontaw ghal tlett elef u mitejn lira Maltin (LM3,200) li jinkludu hamsin lira Maltin (LM50) ‘Excess’ imhallas mill-assikurat tal-attur nomine, hekk kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

**Talbu** li l-konvenuta tghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi m’ ghandhiex:
1. Tigi dikjarata minn dina l-Qorti unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi u ghad-danni konsegwenzjali sofferit mill-attur nomine;

2. Din il-Qorti tillikwida dawn id-datti fis-somma ta’ tlett elef u mitejn lira maltin (Lm3,200) fuq imsemmija jew kull somma ohra verjuri li tigi likwidata minn din il-Qorti okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi;

3. Konsegwentement m’ ghandhiex il-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur nomine in liena ta’ danni l-ammont hekk likwidat.

Bl-imghax u bl-ispejjez inklusi dawk ta’ l-ittra ufficjali tas-19 ta’ Ottubru 1998, u dawk ta’ l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mac-citazzjoni kontra l-assikurazjoni tal-konvenuta ai termini tal-Kap.104 li hija ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attur nomine u l-lista tax-xhieda;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn eccepiet: Illi r-responsabbilita’ dejjem giet ammessa u l-kwistjoni kollha hi dwar id-danni precizi [recte:pretisi] mill-attur nomine – salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konventa u l-lista tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat li fl-udjenza tat-2 ta’ April 2003 il-kawza giet differita ghas-sentenza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat:-

***Kwadru tal-fatti***
Illi dan il-kaz origina minn incident awtomobilistiku li sehh fis-17 ta’ Settembru 1997 go St.Thomas Street Luqa, bejn il-karrozza Maruti DAK 181 proprjeta’ ta’ l-attur Louis Pace, l-assikurat tal-attur nomine , u il-vettura Skoda TER 025 misjuqa mill-konvenuta.

Illi fin-nota tal-eccezzjonijiet taghha l-konvenuta ghamlitha cara li hija mhijex qed tikkontesta r-responsabbilita’ taghha ghall-incident in disamina u di fatti kkonfermat *“Illi r-responsabbilta’ dejjem giet ammessa”*. Dan il-fatt wkoll jirrizulta ampjament mill-provi migjuba. Ghalhekk mhux il-kaz li din il-Qorti tiddilunga aktar fuq l-ewwel talba tal-atturi.

Illi pero’ tirrizulta kontestazzjoni dwar il-*quantum* tad-danni pretizi mis-socjeta’ attrici. F’ dan ir-rigward, il-Qorti tosserva li mill-provi rrizulta li kemm is-socjeta’ attrici, surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Louis Pace, kemm l-istess Louis Pace, kif ukoll is-socjeta’ assikuratrici *Untours* li maghha kienet assikurata l-vettura misjuqa mill-konvenuta; dawn ipprovaw jaslu ghal ftehim kemm dwar

l-ammont tad-danni reklamati kif ukoll dwar min kien ser ikollu d-dritt izomm il-fdal tal-vettura danneggjata. Illi ftehim ma sehhx bir-rizultat li saret il-kawza odjerna.

Illi mill-provi rrizulta li l-vettura **Maruti Zen 1000 STAD** kienet inxtrat mill-imsemmi Louis Pace ghan-nom tas-socjeta’ Mexico Garage Rent A Car Co.Ltd. bil-prezz ta’ Lm3,850, kif jidher mid-dokument AZ2 a fol.28 *et seq* tal-process, li huwa kopja tal-*Hire Purchase Agreement* relattiv. Dan il-ftehim sar fis-26 ta’ Frar 1997.

Illi skond is-*survey report* mghamul mis-surveyor John Callus wara li dan ezamina l-vettura, in segwitu ghall-incident, fis-6 ta’ Ottubru 1997, il-*pre accident market value* tal-vettura gie stabbilit fl-ammont ta’ Lm3700, filwaqt li l-*wreck value* gie stmat Lm500. Konsegwenzjalment fil-5 ta’ Otturbu 1998, is-socjeta’ attrici hallset lill-assikurat taghha, l-imsemmi Louis Pace, is-somma ta’ Lm3,150 (dok.AZ3 fol.30) rapprezentanti Lm3700 nieqes Lm50 excess, dovut mill-assikurat taghha Louis Pace, u nieqes wkoll is-somma ta’ Lm500 li hi r-*wreck value* tal-vettura li baqghet tinzamm mill-istess Louis Pace.

Illi l-imsemmi John Callus spjega li huwa kien wasal ghall-konkluzjoni li l-vettura kienet *“beyond economical repair” “Ghax peress li kellha hafna hsarat kemm mac-chassis u kemm mal-cowl taghha plus l-ispejjez li kellha biex tissewwa, kienet ser tigi izjed milli tiswa’ l-karrozza.”(fol.82)*; u wasal ghall-figura ta’ Lm500 bhala *wreck value*.

***Konsiderazzjonijiet tal-Qorti***

Illi ghalhekk il-vertenza in disamina timpernja dwar jekk il-gudizzju li ghamel l-imsemmi John Callus fil-kapacita’ tieghu ta’ surveyor, huwiex korrett jew le, jew ahjar huwiex ragjonevolment accettabbli.

Illi in propositu l-Qorti tosserva li l-konvenuta ma gabet ebda prova sodisfacenti sabiex tikkonfuta l-imsemmija ammonti; imma llimitat ruhha biss ghall-kontestazzjoni tal-*quantum* tad-danni.

Illi inoltre ma ntalbet ebda nomina ta' espert tekniku indipendenti sabiex jghamel stima tad-danni li sofriet il-vettura u sabiex jghati wkoll stima tal-fdal taghha. Ghaldaqstant il-Qorti fir-rizoluzzjoni ta' din il-kwistjoni trid necessarjament tistrieh fuq dak li huwa ragjonevoli fl-isfond tal-provi li ghandha quddiemha.

Illi bla dubbju ta' xejn il-*Hire Purchase Agreement* fuq imsemmi jikkostitwixxi prova sodisfacenti tal-valur tal-vettura meta sar il-ftehim fis-26 ta' Frar 1997. Di fatti l-prezz hemm indikat huwa ta' Lm3,850. Issa, tenut kont tal-fatt li l-incident sehh fis-17 ta' Settembru 1997, u cioe'seba xhur biss wara, il-Qorti hi tal-fehema li il-figura ta' Lm3,700 bhala *pre accident market value* mhijex censurabbli u hija accettabbli. Inoltre, il-kompetenza u l-kwalifika ta' John Callus bhala *surveyor,* ma gietx kontestata u ghalhekk il-Qorti ma tarax raguni valida l-ghaliex m' ghandhiex taccetta opinjoni kunsidrata ta' persuna li l-mestier tieghu huwa proprju li jistma vetturi u l-fdal taghhom wara li dawn ikunu sofrew danni rizultat ta' incident. Barra minnhekk ezami tas-*survey report* (dok.AZ1), konfermat bil-gurament mill-istess John Callus fix-xhieda tieghu, juri bic-car li l-vettura sofriet hsarat estensivi f' diversi partijiet vitali taghha. Dan ikompli jghati konfort lill-istima mghamula minnu.

Illi in fine u ghal kompletezza tal-esercizju in disamina, il-Qorti tosserva li, ghalkemm il-konvenuta fid-dikjarazzjoni taghha allegat li l-vettura in disamina *"tinsab ruhha fi triq"* (fol.18), il-konvenuta ma gabet ebda prova f' dan ir-rigward. Barra minnhekk vettura tigi kunsidrata bhala *"beyond economical repair"* mhux ghax ma tkunx tista' tissewwa, izda fuq il-bazi li, fi kliem John Callus, *"biex tissewwa kienet (l-ispiza) ser tigi izjed milli tiswa il-karrozza." (supra).*

Illi in vista tal-premess, kif ukoll avut rigward ghall-fatt li l-konvenuta ammettiet ir-responsabbilita' taghha ghall-incident, il-Qorti hija tal-fehma li t-talbiet attrici huma gustifikati u ghalhekk ghandhom jigu milqugha.

***Decide***

Ghal dawn il-motivi, previa rigett tal-eccezzjoni tal-konvenuta, tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara lill-istess konvenuta unikament responsabbli ghall-incident li sehh go St.Thomas Street Luqa fis-17 ta' Settembru 1997, kif ukoll ghad-danni konsegwenzjali kagjonati fil-vettura Maruti Zen numru DAK 181 proprjeta' tal-attur Louis Pace u assikurata mas-socjeta' attrici; tillikwida dawn id-danni fl-ammont komplessiv ta' ***tlett elef u mitejn lira maltin (Lm3,200)*** liema ammont jinkludi s-somma ta' Lm50 *excess*; tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef mija u hamsin lira maltin (Lm3,150), u lill-attur Louis Pace is-somma ta' hamsin lira maltin (Lm50).

Bl-ispejjez a kariku tal-konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------